# Il-Kappella "Ta' Wejda"

*Louis Vassallo*

Il-konferma li minn raħal ġwejjed, il-Mosta nbidlet f'bbelt fiċ-ċentru ta' Malta, b' xi mod tagħtijilna l-kappella tal-Viżitazzjoni tal-Madonna magħrufa bħala "Ta' Wejda" u li tinsab fl-akwata msejħa "Tad-Dib", fit-tarf ta' din il-lokalità viċin Ta' Qali. Filfatt din il-ġawrha Mostija tiftakar tliet sekli, imma l-progress ta' żminijietna qed bħal donnu joħnoqha għax il-blokka kbira ta' appartamenti ġodda li nbniet ftit tas-snin ilu, qiegħda tweġġa' l-għajn hekk kif thares lejha mill-ġenb. Tant hu hekk li l-attività agrarja f'dawn l-inħawi waqqfet prattikament fl-2006. Il-ħajja rustika ta' madwar il-kappella ilha li għebet. Spiċċat għal kollox id-dehra folkloristika tal-merħliet ta' mogħoż u n-ngħaġ bil-ġolġol marbut m'għonqhom. Għax dari, ir-ragħaj kien jiġi jbigħ il-ħalib frisk maħlub dirett minn sider in-nagħġa fuq l-għatba tad-dar tal-klijenti tiegħu. Illum għadna merħliet oħra. Merħliet ta' karozzi pparkjati f'kull toqba ta' parkeġġ li jkunu sabu sidhom b'mod iddisprat!



*Kwadrett nostalġiku tal-kappella "Ta' Wejda", kif jafuha l-biċċa l-kbira tal-Mostin fejn tfakkarhom fit-tfulija tagħhom. (Ritratt: Antida Grech)*

## Għassa u Leġġenda

Jingħad li fil-viċinanzi ta' din il-Kappella, fil-bidu tas-seklu sbatax kien hemm diversi remissi kbar u li waħda minnhom kienet isservi bħala l-ewwel għassa tal-pulizija fil-Mosta, waqt li l-oħrajn kienu jintużaw biex jinżammu iż-żwiemel fihom. Għal dak iż-żmien, l-għassa kienet daqxejn 'il bogħod mill-knisja parrokkjali tar-raħal, imma filfatt il-maġġoranza tal-Mostin min popolazzjoni ta' 1,600 persuna, kienu jgħixu f'dawn l-inħawi. Dawn huma fehmiet validi li jsostnu dan il-fatt, waqt li leġġenda ħelwa tkompli tixħet aktar dawl interessanti. Fl-istess żmien li qiegħdin nitkelmu fuqu meta l-furbani kienu fl-aqwa tagħhom, raġel Sqalli li kien midħla sew tal-piraterija, kien jgħix f'xi waħda minn dawn ir-remissi msemmija. Dan l-individwu seta' ħalla xi kontribuzzjoni ġeneruża għall-ġid tal-Kappella nfisha. Il-Leġġenda tagħlaq li għal xi raġuni jew oħra, dan l-Isqalli misterjuż telaq minn dan il-post ħabta u sabta bla ma qatt xi ħadd reġà samà b'aħbaru. Ngħid is-sewwa, jien din il-leġġenda sirt naf biha meta qrajtha fil-pubblikazzjoni "Ex Annalibus Mustae" maħruġ minn din l-istess Soċjetà Filarmonika u li wkoll hu dan l-annwal li jinsab f'idejkom. Dan it-tagħrif kurjuż imma utli ferm, hu frott ir-riċerka tal-Mosti Raymond G. Zammit li fil-preżent hu Assistent Kummissarju fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' pajjiżna. Mhux hekk biss, għax ir-referenzi lejn it-tmiem tal-istudju tiegħu li jġib it-titlu "Iż-żamma ta' l-ordni fil-Mosta", Raymond Zammit għoġbu jagħtina aktar ħjiel importanti. Din ir-referenza tgħid hekk: "Fil-lokalità msemmija l-awtur irnexxielu jiltaqa' ma' persuna li ma xtaqitx turi l-identità tagħha, li rrakkontat kif fuq il-bejt tal-propjetà tagħhom dak mibni flok ir-remissi msemmija kienet teżisti ġebla, li skont niesu l-antiki baqa' jingħad li din kellha x'taqsam ma' dan l-Isqalli. Din il-ġebla kienet baqgħet tiġi merfugħa maż-żmien sakemm finalment ma kienx hemm aktar interess li tiġi miżmuma u tneħħiet meta beda l-iżvillupp tal-bini. Veru ħasra."

## L-Għar tal-Viżitazzjoni

F'din l-istess pubblikazzjoni li għadna kif semmejna, Stanley Fiorini fl-istudju tiegħu "Il-Mosta u l-inħawi ta' madwar fiż-Żmien tan-Nofs" isostni li l-isem "Ta' Wejda" jfakkar il-laqam tal-familja ta' Damjan u Agata Bonnici li kienu bnew mill-ġdid din il-kappella fil-bidu tas-seklu sbatax fuq is-sit tal-oratorju maqtugħ fil-blat li kien żar Mons. Dusina fl-1575. Għax filfatt, qabel il-kappella li naraw illum, kien hemm knisja mħaffra taħt l-art jew forsi wkoll iffurmata minn xi għar naturali u tissemmà fir-rapport tal-vizta ta' dan id-Delegat Appostoliku u Inkwiżitur mibgħut mill-Papa Girgor XIII fi żmien meta





*Il-ġawhra tagħha, fejn tispikka l-arkitettura Barokka li donnha tieħu s-sura ta' mqjuna ta' kandal mill-aqwa!*

t-tmexxija ta' pajjiżna kienet taħt il-ħakma tal-Gran Mastru Giovanni La Cassier u dik tal-knisja f'idejn l-Isqof Martin Royas. Fil-ktieb "Storja tal-Mosta" ta' E.B. Vella u oħrajn, insibu silta misluta kelma b' kelma mill-vizta ta' Mons. Dusina u l-istoriku G.F. Abela ikkwota fedalment. Din tgħid hekk: "Knisja taħt it-titlu tal-Viżitazzjoni tal-Beata Marija qiegħda fuq ir-raħal tal-Mosta. Din hi knisja mħaffra fil-blat, żgħira u ta' għamla tonda. Jingħad illi din kienet ikkonsagrata minn seba' Isqfijiet, illi nzertaw kienu nnawfragatti fuq il-Gżira ta' Malta." Dan kollu hu sfumat fiċ-ċpar taż-żmien li għadda u mar biex qatt aktar mà jerġa' lura, iżda hu biżżejjed biex jagħtina għarfien fuq xi wħud mill-knejjes mitlufin tà l-imgħoddi, fejn l-iktar waħda għażiża fosthom u li għadha tradizzjoni sabiħa hi dik propju tal-Viżitazzjoni ta' Marija Santissima u li f'dak iż-żmien kienet tagħmel mal-limiti tal-Mellieħa.

## Pass Pass mal-Istorja

Sejrin inkomplu nibnu l-istorja biċċa biċċa ta' din il-kappella Mostija u li għal din is-sena waqgħet taħt il-lenti tagħna sabiex napprezzawha aktar mill-viċin, skont dak kollu li għoġobhom iħallulna bil-miktub id-diversi Isqfijiet li żaruha mall-medda tas-snin. Fil-fatt skont l-informazzjoni li ħallielna l-Isqof Cagliares fl-1615, jidher li din il-kappella nbniet fl-1610 u li l-fundatur tagħha kien Damiano Bonnici flimkien ma' martu Agata, flok oħra ferm eqdem minnha, kif diġà semmejna. Fl-1668 żarha l-Isqof Beunos waqt il-vizta pastorali tiegħu. Dan l-Isqof kien sabha taħt il-ħarsien ta' Ġakbu Busuttil imma ma kienx hemm permess li jitqaddes il-quddies fiha. Meta l-Isqof Giacomo Molina żar din il-Kappella fl-1680, kien irraporta li kellha distanza ta' madwar mitt pass mill-knisja parrokkjali u kellha dak kollu meħtieg għas-servizz reliġjuż.

## Stampa Cara

L-aħħar viżta li se nirreferu għaliha hi dik li kien għamel fil-parroċċa tal-Mosta, l-Isqof De Bussan bejn it-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 1744. Hawn tajjeb li ngħidu li l-Mosta kien ilha mija u sitta u tletin sena parroċċa u l-popolazzjoni tagħha fl-1745 kienet tlaħħaq l-1,700 ruħ. Matul il-jumejn intensivi li l-Isqof De Bussan qatta' mal-Mostin, flimkien mad-deligazzjoni tiegħu, irnexxielu jibni stampa ċara ta' kif kienet qiegħda tiprogressa l-parroċċa tal-Mosta, meta Malta kienet għadha taħt il-ħakma tal-kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, imma kien żmien ukoll meta l-irjieħ tar-Rivoluzzjoni Franċiża bdew jersqu lejn xtutna. Fl-2009, il-Mosti Stanley Mangion wettaq b'suċċess il-proġett li kien imbarka fuqu, dak li jittroduċi għall-Malti mil-Latin, id-dokument uffiċjali marbut ma' din il-viżta pastorali partikolari. Ix-xogħol tat-traduttur itaffi u jħaffef id-diffikultajiet tar-riċerkatur li issa jkun jista' jaqra l-imsemmi dokument fi lsienu. U sewwa sew dak li se nagħmlu issa, meta se nissiltu minn din it-traduzzjoni utli b' mod fidil, dak kollu li nkiteb dwar din il-kappella.

## Iż-Żjara tà De Bussan

"Żar il-knisja filjali ddedikata lill-Viżitazzjoni tal-Beata Verġni Marija li tinsab fir-raħal tal-Mosta fix-xaqliba del dip (Tad-Dip). Hi binja sabiħa ħafna u li għadha quddiemha zuntier li hu mdawwar b'ħajt. Għandha artal wieħed tal-ġebel imsaqqaf bi ħnejja. Hu artal li ma jonqsu xejn u xieraq biex ikun iċċelebrat fuqu s-sagrifiċċju tal-quddiesa. Hu mgħammar bil-ħtiġijiet kollha mitluba. Għandu pittura xierqa mdendla mal-ħajt bejn il-kolonni tal-ġebel u skultura oħra. Fl-isfond hemm ukoll żewg ikoni oħra bi gwarniċ tal-ġebel li jirreferu għall-misterji: dik tal-lemin tal-Annunzazjoni tal-Beata Verġni Marija u l-ieħor tax-

xellug l-Annunzjazzjoni tal-Beata Verġni Marija. Quddiem l-artal hemm imdendel lampier maħdum miċ-ċomb u l-fidda, b'imnara waħda, li jinxtegħel il-lampier u jinżammu l-ħtiġijiet l-oħra tal-artal, kif hemm imsemmi fl-ewwel viżta pastorali tal-qatt minsi Isqof Cocco Palmieri, hemm dħul imħolli minn qasam ta' djar li jinsab fil-Mosta.

Hemm ukoll piż ieħor ta' quddiesa li titqaddes kull nhar t'Erbgħa jew Ħamis imgħolli b'wirt imqanqal minn devozzjoni minn Damjan Bonnici fl-atti tan-nutar Pawlu Fenech, datat fis-7 jum ta' Marzu 1644, fejn insibu li biex titwettaq din ix-xewqa, dan ħalla biċċa raba' li tinsab fit-territorju qarib tan-Naxxari ħdejn il-knisja ta' Santa Maria Sciahra (tax-Xagħra) magħrufa bħala ċ-Ċens.

Din il-Knisja għandha kalċi kif ukoll ilbies saċerdotali miżmuma tant tajjeb f'din il-Kappella ġo armarju tal-injam. Il-prokuratur ta' din il-knisja hu Ġużeppi Fenech li l-Illustrissimu Viżitatur ikkonferma, wara li ta rendikont tal-ħidma tiegħu."

## Opri u Kurżità

X'aktarx li ż-żewġ kwadri li jissemmew f'din il-vista huma l-istess kwadri li naraw illum u li jirrappreżentaw wieħed it-tħabbira tal-Mulej u l-ieħor lil Marija Assunta. Skont Dr. Keith Sciberras, espert tal-Barokk, għandna nattriburixxu dan il-kwadru tal-Assunta lil Baskal Buhagiar. Il-kwadru titular l-qadim għadu merfugħ fis-sagristija. Skont is-sena li naraw fil-ġenb ta' dan il-kwadru, din l-opra saret fl-1605. Nistgħu ngħidu li dan hu kwadru storiku għax barra li fuqu tidher is-senna ta' meta tlestiet din l-opra, fil-parti t'isfel nilħmu lill-benefatturi nfushom li huma Damjan Bonnici u martu Agata u li jidħlu għarkubbtejhom jitolbu f'riġlejn il-Madonna u Santa Eliżabetta. Fl-istorja movimentata ta' din il-kappella niltaqgħu mà fatt kurjuż li għarrafna bih, Kilin fil-ktieb tiegħu "A Hundred Wayside Chapels of Malta and Gozo." Fiż-żmien li kienet qiegħda tinbena r-Rotunda ta' Grognet, il-kappillan Gio Maria Schembri (1833-59) kien ġab permess mill-Vatikan biex idawwar fuq il-proġett tal-bini tal-knisja l-ġdida, id-dħul kollu tal-kappelli u knejjes żar tar-raħal. Imma bit-tħabrik tal-prokuratur tagħha, il-kappella Ta' Wejda rnexxielha żżomm id-dritt tagħha ta' flixkun żejt għal kull għalqa li kellha. Għaddew is-snin u fl-1931 il-pittur Ġużeppi Caruana pitter il-kwadru li naraw illum fuq l-altar maġġur ta' din il-Kappella li juri l-laqgħa tal-Madonna flimkien mal-koppja xwejħa Elizabetta u Żakkarija.

## Mill-Gwerra `l Hawn

Kien nhar il-11 ta' Marzu, 1942 meta waqt attakk aħrax fuq il-mitjar ta' Ta' Qali mill-ajruplani tal-għadu, bomba laqtet din il-kappella. Lejn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija fl-1944, ġiet imsewwija l-ħsara li ġarbet din il-kappella u żdiedilha l-kampnar li naraw illum. Kemm hu hekk, meta wieħed jifli sewwa l-kampnar,



*Fl-1931, il-pittur Ġużeppi Caruana pitter kwadru titular ġdid flok il-kwadru oriġinali li llum jinsab fis-sagristija ta' din il-Kappella.*



*Il-Kwadru tal-Assunta li jinsab in-naħa tax-xellug, inti u tħares lejn l-artal ewlieni. Skond Dr. Keith Sciberras, dan il-kwadru għandu jitqies li hu xogħol Baskal Buhagiar.*

jilmaħ kitba bil-Latin li tikkonferma din l-inizjattiva. Imbagħad fis-snin ħamsin tas-seklu għoxrin, żdiedet is-sagristija u kif ukoll saret gallerija għall-orgni, waqt li z-zuntier ġie ċċangat. Nhar is-17 ta' Ġunju 1964, l-Arċipriet tal-Mosta Dun Bert Bezzina bierek artal ġdid. Waqt li fl-1965, l-artist Rabti Ġiġi Galea pitter is-saqaf tal-kappella fejn naraw għadd ta' simboli marbuta ma' persunaġġi bibliċi li huma Abraham, Mosè, David, Ġwanni l-Għammiedi, Rebekka, Sara, Ġoel, Debora, Ruth, Ester u Ġuditta. Ġew miżjuda ukoll il-versi tal-Manifikat, l-erba' Evanġelisti u simboli Marjani.

## L-Istatwa tal-Viżitazzjoni

Jolqtu l-għajn artistika tal-viżitatur huma tliet statwetti li jirrappreżentaw il-Fidi, it-Tama u l-Karità. Iżda bla dubju ta' xejn, tispikka fuq kollox l-istatwa tal-Viżitazzjoni li nħadmet fl-1965 mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Hi statwa ta' daqs ċkejken, iżda li mhix nieqsa mill-aspett artistiku li jispira fik sens ta' devozzjoni. Fl-okkażjoni tat-30 Anniversarju mill-mewt tiegħu, l-Għaqda Filantropika Talent Mosti nhar l-4 ta' Lulju 2009 tellgħet serata mużika letterarja f'ġieħu u kif ukoll organizzat wirja li fiha kien hemm esebit għażla sabiħa u varjata minn xogħlijiet li minnhom stagħriet l-arti Maltija. U fost id-diversi vari, abbozzi u disinji kien hemm ukoll l-istatwa tal-Viżitazzjoni! Fil-Mosta nsibu numru ta' xogħlijiet li ħarġu minn idejn Wistin fejn ikkontribwixxa b'mod qawwi f'dik li hi arti sagra. Għalhekk kienet inizjattiva ta' min ifaħħarha dik, li dan il-patrimonju kien jinsab miġbur temporanjament fir-Razzett tal-Markiż għall-kumdità u l-ammirazzjoni tal-pubbliku inġenerali.

## Il-Kappella Llum

Fuq kollox din l-istatwa tal-Viżitazzjoni tiġi armata kif jixraq għall-okkażjoni tal-fetsa li ssir nhar il-Ħadd fuq il-11 ta' Ottubru u li tiġi ċċelebrata bl-akbar solennità. Dak inhar titqaddes quddiesa kantata li tkun akkumpanjata bil-vespri u prietka. Għall-okkażjoni tal-festa taż-Żjara ta' Marija, din il-Kappella tilbes l-isbaħ ilbies, tiżjin u ornamenti u bħal donnha tieħu s-sura ta' minjatura ta' Katidral mill-aqwa! Din hi xhieda ta' kemm hi miżmuma sew u li għandha post speċjali fi qlub in-nies tal-inħawi. Apparti l-festa, din il-kappella tintuża regolarment minn nies li jgħixu qribha, fejn kull nhar ta' Ħadd titqaddes quddiesa fit-8:30 ta' filgħodu. Mhux l-ewwel darba li għaqdiet differenti tal-parroċċa, għamlu użu minn din il-ġmiel ta' kappella fejn minn żmien għall-ieħor jorganizzaw laqgħat ta' talb għall-membri tagħhom. Daqs 15 il-sena ilu, Talent Mosti kien ġibed xi xeni mill-vidjows tiegħu f'dan il-post, minħabba l-ambjent folkloristiku u reliġjuż li toffri din il-Kappella Mostija. Imma kif diġà għedna fid-daħla ta' dan l-artiklu il-progress refà rasu l fuq u tappan xi ftit jew wisq minn dan il-kwadrett nostalġiku li kien ifakkrek fil-qalba ta' raħal tipiku Malti!

## Riferenzi:


The Malta Independent on Sunday 12th July 2009. Paġna 9 "Bid to save tad-Dib Agricultural Land" – Elaine Attard

George Cassar (editur) EX ANNALIBUS MUSTAE, "Il-Mosta u l-inħawi ta' madwar fiż-Żmien tan-Nofs" – Stanley Fiorini. Paġni 91-92

George Cassar u Jospeh G.M.Borg "Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet". Pagni 85-86 (MALTA 2007)

Kilin "A Hundred Wayside Chapels of Malta and Gozo. Paġna 34 (Malta, 2000)

Soċjetà Filarmonika Nicolò Isuard – Mosta, Annwal 1996 "Il-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Madonna - Ta' Wejda" Tony Terribile. Paġni 67-69

Stanley Mangion "Il-Vista Pastorali tal-Isqof De Bussan fil-Paroċċa tal-Mosta". Paġna 31 (Malta, 2009)

Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu – Mosta, Annwal 2010 "Stefano Erardi, il-pittur tal-Assunta meqjuma fil-Kor tar-Rotunda tal-Mosta" Manwel D. Schembri. Paġni 151-153


(Dawn ir-ritratti qegħdin jiġu ppubblikati bil-kortesija tal-"Pubblikazzjonijiet Indipendenza – PIN" u ta' Tony Terribile).

N.B. Jekk wieħed ikun irid li jara stampa kbira bil-kulur tal-kwadru tal-Assunta li jinsab fil-Kappella "Ta' Wejda" għandu iħares lejn il-qoxxra tal-Annwal 1998 maħruġ mis-soċjetà Filarmonika Santa Marija tal-Mosta.



Il-blokk ta' appartamenti ġodda li qed jaħnqu l-ambjent ta' trankwillità li darba kienet toffri l-kappella "Ta' Wejda". (Ritratti bil-kortesija ta' The Malta Independent)